MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru 407/2003

**Artikoli 28B, 49, 50, 261, 271(g) 281, 334**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Gregory**
**V**

**JOSEPH ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH ATTARD** ta' hamsa w erbghin sena bin Francis u Helen nee Micallef imwieled B'Kara nhar l-erbgha ta' Marzu 1958 u joqghod 35, Sqaq Karla, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 185458M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer gewwa l-car park ta' Westin Dragonara, San Giljan nhar t-tnax ta' Mejju 2003, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar:

1. Ikkommetta serq ta' disc-man minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCE 042 ghad-detriment ta' Nicole Scicluna, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-istess zminijiet, lok, hin u cirkostanzi f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod ikun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom;

3. Talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u cioe b'sentenza moghtija mill-Magisatrat Dottor Abigail Lofaro nhar t-tlieta ta' Mejju 2001, b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Tonio Micallef Trigona nhar t-tnejn ta' Awissu 2000 u b'sentenza ohra moghtija mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro nhar l-hmistax ta' April 1999; u

4. Talli kiser il-perjodu tas-sentenzi sospizi hekk stabbilita mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel w t-tielet akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fl-ezami li sarlu nhar t-tlettax ta' Mejju 2003 ai termini tal-artikolu 370(4) u 390(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif jirrizulta mill-atti odjerni.

Il-Qorti rat li l-ewwel zewg akkuzi moghtija mill-Prosekuzzjoni inghataw b'mod alternattiv ghal xulxin u ghalhekk wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel akkuza tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid

jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi ammessi minnu.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ikkopera mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha w rregistra ammissjoni waqat l-ewwel opportunita li giet moghtija lilu u cioe fil-jum tal-presentata.

Rat li r-res furtiva giet kollha ritornata u tinsab f'idejn il-Prosekuzzjoni u ghalhekk tista tinghata lura liberalment lil sidha fuq talba apposita.

Rat ghalhekk li s-socjeta ma sofriet l-ebda danni materjali salv ghal ispejjes ta'dawn il-proceduri.

Qisiet pero ic-cirkostanzi li l-imputat ma jridtx jitghallem minn dawn ic-cirkostanzi u cioe mill-izbalji tieghu tant li llum jerga jinsab il-Qorti akkuzat fuq reat ta' serq.

Illi minn ezami tal-fedina penali tieghu jirrizulta li l-imputat diga ghandu tnax il-konvinzjoni registrata fuq akkuzi ta' diversi serqiet u ghalhekk inghata pieni ta' probation u multi u sentenzi sospizi, l-imputat xorta webbes rasu w ikkommetta r-reat in kwistjoni.

Illi ma hemmx dubju ghalhekk li l-fedina penali tieghu esbita fl-atti hija riflessjoni tal-karattru reflettarju tieghu.

**Illi fic-cirkostanzi il-Qorti thoss wara li rat l-artikolu tal-ligi 28B, 49, 50, 261, 271(g) 281, 334, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH ATTARD hati tal-ewwel u t-tielet akkuza u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmien xhur prigunerija.**

**In oltre tordna li s-sentenza sospiza moghtija fit-tnejn ta' Awissu 2000 mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront**

**tal-imputat fuq imsemmi fejn gie kkundannat piena karcerarja ta' tlett xhur sospiza ghal erbgha snin tigi resa operattiva minnufih.**

**B'kollox ghalhekk l-imputat ghandu jaghmel perjodu ta' hdax il-xahar prigunerija.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------